# ILLUM L-EPIFANIJA



*Ġesu' ma ġiex għar-ragħajja foqra biss. Ġie għas-slaten ukoll.*
*Ġesu' ma ġiex għall-poplu Lhudi biss. Ġie għall-pagani wkoll.*
*Ġesu' ma ġiex għall-qaddisin biss. Ġie għall-midinbin ukoll.*

**Il-festa tal-lum**
**hija festa missjunarja**.
Tistedinna niftakru f'dawk il-popli li għad ma waslilhomx id-dawl tal-vanġelu u li għalihom ukoll Ġesu' ġie fid-dinja. Illum it-tfal huma mistiedna jiftakru fit-tfal tal-missjoni, jinkitbu fl-"Opra Tfal tal-Missjoni" u jagħtu offerta għall-evanġelizzazzjoni.

**Il-festa tal-lum tistedinna:**

- **Nagħmlu inventarju tar-rigali li rċevejna f'ħajjitna**

Kemm rigali, kemm kapaċitajiet, kemm talenti għandna lkoll kemm aħna. L-istess trobbija, l-edukazzjoni, tant nies li għamlulna l-ġid… Kull ma aħna u kull ma għandna huwa tassew rigal, għotja. Anki l-persuni ta' madwarna huma rigali għalina.

- **Napprezzaw aktar ir-rigali li nirċievu**

Ma hemmx dubju li lkoll kemm aħna nirċievu ħafna rigali. Normalment it-teżori trid tħaffer għalihom, ma tantx issibhom f'wiċċ l-art. Hekk ukoll ħafna mir-rigali li nirċievu: uħud minnhom ikunu moħbija għal għajnejna, trid tfittixhom.

- **Inkunu aħna wkoll rigali għall-oħrajn**

Sewwa nżommu f'moħħna li aħna msejħa biex inkunu rigali għal xulxin. Biex tkun rigal għall-oħrajn hemm bżonn tħobb il-verita' mhux il-gideb, hemm bżonn tgħożżil-fedelta' mhux il-kapriċċ, hemm bżonn tħobb l-onesta' mhux id-diżonesta'. Ikun tassew rigal għall-oħrajn min iħobb bla jikkalkula, min jeżerċita t-talenti tiegħu għall-oħrajn, min kontinwament ifittex li jkun ta' servizz għall-oħrajn.

**Homework**: Matul din il-ġimgħa ara kif tista' tkun tabilħaq rigal għal ta' madwarek.

*Mons Karm Gauci, Arċipriet Għarb*

## *It-Talba tal-ġimgħa*



*Mulej Ġesu', għallimna ngħid ta' spiss "grazzi", biex napprezzaw dak li nirċievu b'imħabba.*



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

SOLENNITA' TA' L-EPIFANIJA tas-Sena A - Id-39 Sena (2024) 6 ta' Jannar 2008

## Ġejna Nqimuh



**Mill-Vanġelu ta' San Mattew. Mt. 2, 1-12.**
Meta twieled twieled Ġesu' f'Betlem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-lvant ġew Ġerusalem jistaqsu: 'Fejn hu s-sultan tal-Lhud li twieled? Għax rajna l-kewba tiegħu fil-lvant, u ġejna nqimuh.' Is-Sultan Erodi sema' bihom u tħawwad hu Ġerusalemm kollha miegħu. U, wara li ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, ried jaf minn għandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. U huma qalulu: 'F'Betlem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta.' Erodi bgħat lil Maġi bil-moħbi u qalilhom: "Morru staqsu bir-reqqa għat-tifel, u meta ssibuh, ejjew għiduli, biex jien ukoll niġi nqimu." Iżda huma reġgħu lura minn triq oħra.Aħseb ...

- Ġużeppi għamel mixja fid-dawl tal-fidi u l-Maġi għamlu mixja fid-dawl tal-kewkba.
- Hija x-xewqa ta' kull bniedem li jiltaqa' ma' Alla li ġie biex jeħlisna mill-iżbalji tagħna.
- Fejn hu l-Mulej li jien nixtieq niltaqa' miegħu Illum, Issa...?
- Biex issib lil Alla trid tagħmel int ukoll mixja ta' fidi, u l-Mulej jibgħatlek kewkba tmexxik.
- Mhux biżżejjed li tara l-kewkba. Imma jeħtieġ li int tqum u tibda miexi biex tasal.
- Erodi ma tħarrikx minn postu u ma' ltaqax ma' Ġesu'.
- Il-Maġi sabu lil Ġesu' imtlew bil-ferħ u nsew t-tbatija kollha li għaddew minnha.
- Quddiem Ġesu' l-Maġi fetħu qalbhom u offrewlu x-xewqat tagħhom.

**TALBA: Mulej Ġesu', ħares lejn il-qalb tiegħi u ara kemm titieq tiltaqa' miegħek. Urini t-triq lejk. Tini l-qawwa biex nibda l-mixja deċiża tiegħi għal għandek. Nixtieq nagħtik ir-rigal ta' qalbi mimlija mħabba għalik.**